SAN LAWRENZ

Il-Minuti tal-wiehed u sittin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar it-Tnejn 20 ta' Frar 2012 fid-9:00 ta' filgħodu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

*Preżenti:*

*Sindku:* Noel Formosa

*Viċi-Sindku:* Anthony Formosa

*Membri:*

John Mercieca
Joseph Sultana

*Segretarju Eżekuttiv:* Lucienne Haber

Skuzata: Luigia Grima

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Giet trattata l-ittra mingħand il-Kumitat Amministrattiv ta' Santa Lucija fejn proponew li jsiru tabelli li jindikaw id-direzzjonijiet li jwasslu minn Santa Lucija sa San Lawrenz. Il-Kunsill qabel li għandu jirrispondi li jaqbel mal-principju u kif ukoll bħala Kunsill qed nikkunsidraw li ninkludu tabella simili fil-konfini tagħna. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jitlob lill-manager tal-lukanda Kempinski biex jgħinna niffinanzjawha.

3.2 Giet trattata l-korrispondenza mingħand il-kumpanija TCTC dwar l-organizzazzjoni ta' korsijiet għat-tfal fuq il-computer. Il-Kunsill qabel li għandu jiccekja jekk il-kors jistax jiġi organizzat f'San Lawrenz u kemm hu n-numru minimu ta' tfal li jistgħu jattendu.

3.3 Giet trattata wkoll l-ittra mingħand il-Parrocca ta' San Lawrenz rigward spettaklu li ser jigi organizzat bejn il-Parrocca ta' San Lawrenz u dik tal-Fontana. Il-Parrocca qed titlob l-għajnuna tal-Kunsill f'dan ir-rigward. Il-Kunsill qabel li għandu jikkopera billi jħallas is-somma ta' €100 (mitt euro) bħala spejjes tar-recording.

## 4.0 Irtirar ta' membru mill-Bord tal-Evalwazzjoni tat-Tenders tal-Isqaqien

4.1 Is-Sindku rrefera ghall-fatt li waqt li kienet qeghda ssir l-evalwazzjoni tal-offerta tal-isqaqien, l-evalwatur Saviour Bonello nnota li kuntrattur minnhom nizzlu bhala konsulent tieghu minghajr ma' dan ma giex ikkonsultat dwar dan. F'dawn ic-cirkustanzi huwa hass li ghandu jirtira minn fuq dan il-board.

4.2 Is-Sindku hawnhekk talab lil Kunsill jekk naghzlux lil xi hadd iehor minfloku biex ikompli l-evalwazzjoni. Il-Kunsill qabel li ghandu jiccekja jekk nistghu nkomplu bil-membri li ghandna biss u fil-kaz insibu xi perit jew persuna teknika tal-fiducja tal-Bord.

~~4.3~~

## 5.0 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2011

5.1 Il-Kunsill iddiskuta l-Financial Statements. Il-Kunsill bi pjacir innota l-bilanc ta' €58,980. Il-Kunsill approva dawn l-istatements.

## 6.0 Approvazzjoni tal-Pagamenti

6.1 Is-Segretarja prezentat skeda tal-pagamenti bejn l-1 ta' Frar 2012 u 23 ta' Frar 2012 ghall-approvazzjoni. Il-Kunsill approva l-pagamenti mressqa.

## 7.0 Materji ohra

7.1 Is-Sindku Noel Formosa ta' rendikont ta' laqgha ohra li kellu gewwa Sqallija tal-progett tal-PANACEA u l-uzu tal-Interpretation Centre tad-Dwejra ghal dan il-progett li permezz tieghu jigi trasformat f'Centru nformattiv ghall-attivita' ta' taht il-bahar. Is-Sindku semma li fil-prezent ghaddejjin tahdidiet bejn il-MEPA, il-Kunsill u s-sid tar-restorant biex bejniethom isir ftehim li eventwalment iwassal ghall-kuntratt.

7.2 Il-Kunsillier John Mercieca talab sabiex bhala Kunsill jiltaqa' mal-kuntrattur Road Construction biex mieghu jigu diskussi x-xogholijiet pendent.

7.3 Il-Kunsill irrefera ghall-attivita' tal-Karnival bhala wahda ta' success.

7.4 Is-Sindku semma li fil-gimghat ta' qabel huwa iltaqa mall-kuntrattu Gatt Tarmac Ltd u gie fuq il-post biex jara x-xoghol mehtieg u wieghed li x-xogholijiet huma mistennija jibdew imminenti.

7.5 Sar qbil li ghandna nibghatu reminder lil Dr Giglio u lil Dr Refalo ghal kont tas-servizz li taw lil Kunsill s'issa.

7.6 Fl-ahhar tal-laqgha, s-Sindku Noel Formosa informa lil shabu l-kunsilliera li mhuwiex ser jikkontesta l-elezzjoni li jmiss. Huwa rringrazzja kemm lilhom, kemm lill-istaff tal-kunsill kif ukoll lil poplu kollu Lawrenzjan tas-sapport li dejjem tah tul din il-kariga twila tiegħu ta' Sindku, huwa talab skuża u maħfra jekk naqas lil xi ħadd f'dawn it-tmintax il-sena ta' ħidma. Huwa qal li f'dawn is-snin ta' ħidma l-uniku interess tiegħu kien dejjem dak ta' kull ċittadin Lawrenzjan u li jara lir-raħal jimxi ' l quddiem. Huwa kompla billi qal li dan ghamlu ghaliex sab kunsilliera u lis-segretarja u lill-istaff jaħseb bl-istess mod, dak li r-raħal ikompli jimxi 'l quddiem.

Huwa awgura lill-shabu l-kunsilliera li ser jergghu jikkontestaw l-elezzjoni kull success u heggighom biex l-ewwel u qabel kollox izommu quddiem ghajnejhom l-interess tar-rahal . Hawnhekk huwa prezenta lis-Segretarja bil-badge u l-insija tas-Sindku sabiex jigu mghoddija lis-Sindku l-gdid u qal li jawgura li minn ser jilbes din l-insinja jħares lejha bħala responsabilita' lejn ir-raħal u n-nies tiegħu u dejjem iżomm fuq quddiem l-isem tal-għażiża lokalita' tagħna.

Il-Kunsilliera flimkien mas-Segretarja rringrazzjaw lis-Sindku tal-mod ghaqli li dejjem mexxa' lil-lokalita' ta' San Lawrenz .

Il-laqgha ntemmet fl-10:30am.

*Noel Formosa*
*Sindku*

*Lucienne Haber*
*Segretarju Ezekuttiv*